C/2024/7081

21.11.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11539 — LIBERTY MEDIA / DORNA SPORTS)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7081)

1. Fl-14 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Liberty Media Corporation ("Liberty Media", l-Istati Uniti),

— Dorna Sports, S.L. ("Dorna Sports", Spanja), ikkontrollata minn Bridgepoint Group plc (ir-Renju Unit) u l-Bord ta' Investiment tal-Pjan tal-Pensjoni Kanadiż (il-Kanada).

Liberty Media se takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Dorna Sports.kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Liberty Media tippossjedi interessi f'firxa wiesgħa ta' negozji tal-media, tal-isport u tad-divertiment, inkluża l-Formula 1.

— Dorna Sports hija l-organizzatur u d-detentur esklużiv tad-drittijiet kummerċjali u tat-televiżjoni tal-Grand Prix tal-Kampjonat Dinji tal-FIM (magħruf ukoll bħala l- "MotoGP") mill-1992 u hija attiva fil-ġestjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-media tal-isport.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11539 – LIBERTY MEDIA / DORNA SPORTS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").